SAN LAWRENZ

Il-Minuti tas-sitta u ħamsin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Hamis 29 ta' Settembru 2011 fin-12:30 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:*

John Mercieca
Joseph Sultana
Luigia Grima

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-ittra minghand l-Alpha Briggs rigward korsijiet ta' ngenji tal-bahar. Sar qbil li ghandna niccekkjaw jekk dawn jistghux isiru Ghawdex u nitolbuhom aktar informazzjoni.

3.2 Giet trattata l-ittra ta' ringrazzjament mill-qalb li bghat is-Sur Romano Volpato bhala apprezzament ghal fatt li onorajnih bl-unur ta' Cittadin onorarju.

**4.0 <u>Iz-zjara tal-President</u>**

4.1 Il-Kunsill irrefera ghaz-zjara li ser jaghmel l-ET President ta' Malta fil-lokalita' ta' San Lawrenz nhar il-Hadd 2 t'Ottubru 2011. Sar qbil li z-zjara ghandha tinfetah b'quddies fil-knisja parrokkjali u li wara ghandna naghmlu riceviment zghir fuq iz-zuntier. Sar qbil ukoll li ghandna nhajjru xi ndividwi sabiex jigu jippratikaw xi artigjanat waqt il-wirja li ser

titellgha apposta. Il-Kunsill qabel li l-wirja ghandha tinzamm fis-sala tac-Centru Parrokjali. Sar qbil ukoll li ghandha tinzamm partita football ghat-tfal fil-pjazza peress li din dak il-hin ser tinghalaq ghat-traffiku. Dawn it-tfal ghandha tinghatlhom tifkira li tigi mlibbsha lilhom mill-ET President.

**5.0 Wara l-attivita' 3D**

5.1 Is-Segretarja prezentat rapport finanzjarju (kopja tieghu mehmuza ma dawn il-minuti) dwar id-dhul u l-ispejjes konnessi ma dan l-avveniment. Il-Kunsill innota bi pjacir li l-attivita' ser tohrog b'bilanc pozittiv.

5.2 Il-kunsilliera kkummentaw li l-attivita' kienet wahda sabiha hafna izda kienu mistennija aktar nies. Il-kummenti tal-pubbliku kienu li kieku saret fid-Dwejra l-attendenza kienet tkun hafna akbar, pero minhabba l-kwistjoni tal-permess dan ma kienx possibli.

**6.0 Ghazla tal-offerta tat-television u l-AC ghac-Child Care Centre**

6.1 Il-Kunsill irrefera ghall-kwotazzjonijiet mitfugh ghax-xiri ta' TV 32" ghac-Childcare Centre kif ukoll Air conditioner ghall-istess post.

6.2 Ghat-television ma' dahlet l-ebda kwotazzjoni u ghalhekk il-Kunsill iddecieda li jfittex hu l-irhas u jixtri TV li ma ghandux jaqbex l-€400.

6.3 Ghax-xiri tal-Air condition dahlu zewg kwotazzjonijiet minghand Solar Engineering Ltd ghal prezz ta' €670 u minghand J Tabone ghal prezz ta' €820. Il-Kunsill ra li l-prezzijiet huma kemmxejn gholjin u jinsab cert li jekk ifittex ftit prezzijiet ohra fis-suq zgur li jirnexxielu jsib prezzijiet ohrajn.

**7.0 Harga ghal Malta**

7.1 Il-Kunsill qabel li fil-vakanzi tal-bidu ta' Novembru ghandna norganizzaw harga Kulturali ghal Malta.

**8.0 Evalwazzjoni tat-tender tal-Project Administrator taht il-Mizura 323**

8.1 Il-Kunsill ghadda biex jevalwa l-offerti mitfugha ghal-post ta' Project Administrator taht il-Mizura 323. Ghal dan il-post intefghu tlett offerti li huma:
Maria Scembri ghal prezz ta' €16.75 is-siegha ex VAT
Michelle Vella ghal prezz ta' €18.75 is-siegha ex VAT u
Nexia BT Advisory Services Ltd ghal prezz ta' €30 ex VAT is-siegha.

8.2 Il-Kunsill qata' barra l-ghola offerta u ghadda biex jevalwa t-tnejn l-ohra. It-tnejn li huma ghandhom il-kwalifiki u l-esperjenzi mehtiega pero l-irhas offerta hija ta' kandidata li toqghod Malta u ghalhekk il-Kunsill iddecieda li qabel ma jaghzel ghandu jivverifika kemm din ser tkun disponibbli biex tahdem mill-ufficju tal-Kunsill kull meta tkun imsejjha , anke fi zmien ta' sejha ta' ftit hin; u kull meta tkun rikjesta li tahdem fl-ufficju tal-Kunsill, li jkunu bosta drabi, jekk din hix ser tinkludi l-hin tal-ivjaggar bhala spejjes u jekk hix ser ticcargja lil Kunsill ghall-ispejjes tal-vapur u vjaggar. Il-Kunsill hass li ghandu jkun cert li qabel ma jaghzel ikun moqdi sew ghas-servizz li hafna drabi jkun jinhtieg li jsir fl-ufficju at a *short notice*. Sar qbil li ghandna niccaraw sew dawn il-punti.

9.0 **<u>Evalwazzjoni tat-tender tar-restawr tal-hitan tas-sejjieh taht il-Mizura 323</u>**

9.1 Il-Kunsill irrefera ghall-offerti mitfugha ghal dan ix-xoghol. L-offerti mitfugha kienu ta':-

Eman Sultana ghal prezz ta' €29,500 u dik ta' Joe Grima ghal prezz ta' €24,422.55.

Il-Kunsill qabel li ghandu jqabbad bord biex jevalwa l-progett li ghandu jkun compost mill- Perit Godwin Sultana, mis-Sur Salvu Bonello flimkien mal-Perita Ivana Farrugia.

**<u>10.0 Stima u kif ha nipprocedu biex jigi mqabbad il-gibjun ta taht il-playing field</u>**

10.1 Sar qbil li ghandna nqabbdu lil Perit Edward Scerri sabiex jiddeciedi ezatt xi jrid isir biex issir il-kumnikazzjoni biex wara ngibu stima tax-xoghol rikjest.

**<u>11.0 Stima u kif ha nipprocedu dwar il-htiega ta' patching ta' parti minn Triq ta' Cangura u ta' parti minn Triq Karmnu Grima</u>**

11.1 Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lil Perit Godwin Sultana sabiex jippreparalna Bill of Quantities biex inkunu nistghu nohorgu offerta biex isir tiswija permezz ta' major patching fi Triq Cangura u Triq Karmnu Grima.

**<u>12.0 Materji ohra</u>**

12.1 Sar qbil li ghandna nixtru *outdoor ashtray* u titpogga fil-Pjazza hdejn il-bieb tac-Centru.

12.2 Rigward il-passagg ta' Triq il-Wileg, gie kkuntatjat mill-gdid is-Sur Debono tas-CMTU u dan assigurana li l-passagg ser isir.

12.3 Il-kunsillier John Mercieca talab sabiex jinbidlu l-bozoz tal-Belvedere Colle Umberto. Is-Sindku semma li dan mhux accettabli ghax din kienet decizzjoni tal-

Kunsill li kienu saru energy saving kontra l-light pollution u s-Sindku wiegeb li ma ghamilx sew qabad minn jeddu u bidel il-bozoz ta' quddiem tieghu. Sar qbil pero li ghandhom jissewwew u jinbidlu l-bozoz tal-fanali l-baxxi li jinsabu fil-playing field.

12.4 Is-Sindku talab lill-kunsilliera jahsbu fuq il-proposta li meta jsir il-progett tal-pjazza, l-parkegg provdut jigi limitat ghar-residenti ta' San Lawrenz biss.

Il-laqgha ntemmet fis-2:30 ta' wara nofsinhar.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***